MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2008

Mandat Numru. 2049/2008/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni
Numru 2049/08 fl-ismijiet:

John **VELLA**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-23 ta’ Diċembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti żżomm lill-intimat milli “jkompli jidħol fl-art magħrufa bħala *Ta’ Sajtar* fil-limiti tan-Naxxar u milli jkompli jxekkel u jostakola lill-esponenti milli jidħol f’dina l-art”;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta’ Diċembru, 2008, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimat bi tlitt ijiem żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tallum;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fis-26 ta’ Diċembru, 2008, li biha laqa’ għat-talba tar-rikorrent billi qal li din it-talba tirrigwarda l-istess art li dwarha l-istess rikorrent kien talab il-ħruġ ta’ Mandat kontra l-istess intimat biex iżommu milli jiżgumbrah minnha. Dik it-talba ma kinitx intlaqgħet b’degriet tad-19 ta’ Novembru, 2008[1]. Minbarra dan, wara li ngħata l-imsemmi degriet, kien ir-rikorrent innifsu, u bl-għajnuna ta’ uffiċjali tad-Dipartiment, li ġarr ħwejġu mill-imsemmija art, tant li għadda ċ-ċwievet tagħha lill-intimat li llum hu fil-pussess tagħha. Għalhekk, ma tista’ tintlaqa’ l-ebda talba għal ħruġ ta’ Mandat biex iżomm żgumbrament li diġa’ seħħ. Iżid jgħid li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat hija nulla, u saret biss għal raġuni fiergħa u kapriċċuża li tissarraf f’abbuż mill-proċedura u tentativ biex “jappella” minn degriet li diħa’ ċaħadlu t-talba tiegħu b’mod definittiv;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li l-intimat ma jibqax jidħol fl-għalqa msemmija fir-rikors jew milli jżommu milli jidħol fiha għaliex jgħid li dak il-ġid ilu f’idejh u f’idejn il-familja tiegħu għal żmien twil u li għalhekk l-għalqa saret tagħhom;

[1] Deg. Nru. 1674/08JRM

Tqis li l-intimat jgħid li t-talba tar-rikorrent ma jmisshiex tintlaqa' għaliex ir-rikorrent diġa' ħareġ mill-art, wara degriet mogħti minn din il-Qorti f'Novembru ta' din is-sena, u dan wara talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li l-istess Qorti ma laqgħetx;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun u li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[2];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[3]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[4];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[5]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-

---

[2] Art. 873(1) tal-Kap 12

[3] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

[4] Art. 875(3) tal-Kap 12

[5] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Mandat, il-jedd li jista’ jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b’mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b’żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f’każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita’ pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[6] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma’ l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li r-rikorrent jerġa’ jtenni li huwa u qrabatu ilhom is-snin iżommu l-art in kwestjoni bħala tagħhom bla xkiel mingħand ħadd. Jisħaq li l-provi mressqa juru li l-art li l-intimat jgħid li hija art tal-Gvern mhix fil-fatt hekk, imma hija ġid li huwa tar-rikorrent u l-familja tiegħu. Jgħid li l-intimat qarraq bil-Qorti meta semma xhieda u proċeduri oħrajn dwar l-imsemmija art, meta dak kien biss biċċa mill-ġrajja dwarha. Minbarra dan, ir-rikorrent iżid jgħid li t-tneħħija tiegħu mill-imsemmija art min-naħa tal-intimat, u ż-żamma taċ-ċwievet għall-art mill-istess intimat jikkostitwixxu spoll bi ħsara tar-rikorrent u preġudizzju sproporzjonat bejn il-pussess li kellu u l-gwadann li qiegħed jagħmel l-intimat bl-art fil-pussess tiegħu;

Tqis li f’din il-proċedura, l-Qorti ma tidħol bl-ebda mod biex tqis il-kwestjoni tat-titolu tal-art li tkun, jekk mhux fuq dak li jidher mad-daqqa t’għajn;

Tqis li r-rikorrent jistqarr li huwa ħareġ mill-art in kwestjoni u dan sa minn qabel ma ressaq ir-rikors tal-lum. Waqt it-

[6] Art. 873(3) tal-Kap 12

trattazzjoni tal-għeluq mill-għaref difensur tar-rikorrent, issemma li l-ħruġ tar-rikorrent mill-art ma kienx bir-rieda tiegħu, u saħansitra jsemmi li t-tneħħija tar-rikorrent mill-għalqa mertu tal-każ kien jitqabbel ma' spoll. Hu x'inhu, madankollu, ir-rikorrent m'għadux fil-pussess tal-għalqa u l-għaref difensur tal-intimat ikkonfermat li d-Dipartiment għandu f'idejh iċ-ċwievet tal-art[7]. Dan il-fatt inissel il-konsegwenza li ladarba ntwera li l-ħaġa li r-rikorrent irid li jżomm li ma ssirx bil-ħruġ tal-Mandat tkun diġa' saret, ma jibqax lok biex it-talba tal-ħruġ tal-istess Mandat tintlaqa' għaliex l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[8];

Tqis ukoll li dak li r-rikorrent qiegħed jitlob bil-ħruġ tal-Mandat hu, effettivament, li l-intimat jerġa' "jirreintegrah" fil-pussess tal-art li minnha r-rikorrent innifsu ħareġ f'Novembru ta' din is-sena wara li twettaq l-Ordni ta' Żgumbrament. Huwa magħruf li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[9], u ma jistax iservi biex iġiegħel lill-parti intimata biex tagħmel xi ħaġa li hija m'għandha l-ebda ħsieb li twettaq. Dwar dan, ir-rikorrent jista' jdur għar-rimedji l-oħrajn li l-liġi tagħtih, jekk kemm-il darba jqis li ġarrab xi għamil mhux mistħoqq. Ir-rimedju tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma jkunx jgħodd għal qagħda bħal din;

Tqis għalhekk li jonqsu l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub mir-rikorrent;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, bl-ispejjeż kontrih, u dan għaliex ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu; u

**Tirrevoka** u tħassar id-degriet tagħha tat-23 ta' Diċembru, 2008, *contrario imperio* safejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrent.

Mogħti kameralment illum, 30 ta' Diċembru, 2008.

---

[7] Konfermata mix-xhieda ta' Joseph Sciriha waqt is-smigħ tal-lum
[8] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***
[9] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------